MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 467/2010

Vodafone Malta Limited (C 10865).

Vs

Kevin Brincat (Id. 422775M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elfejn, mija u tmintax-il ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,118.88) minghand il-konvenut, rapprezentanti prezz ghal servizzi ta’ telefonija cellulari rezi mis-socjeta’ attrici lilu in konnessjoni ma mobile phone bin-numru 99287601, u minkejja li gie interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti. Bl-ispejjes inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-att, u tal-mandat ta’ qbid numru 2913/09, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, mija u tmintax-il ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,118.88), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez tal-kawza kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------